MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Numru. 822/2010

**Il-Pulizija**

**Spettur Johann Fenech**

**VS**

**Glenn Abela, iben Francis u Bernardette nee' Portelli, imwieled Tal Pieta' nhar it-2 ta' Mejju, 1988, residenti fil-fond Porto Vecchio, Flat 16, Triq Censu Farrugia, Msida, u/jew Casa Fra Ben, Triq l-Iskola, Marsa, detentur tal-karta tal-identita' numru 213188M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Glenn Abela**, li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar id-9 ta’ Awwissu, 2010 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data:

1. Biegh jew xort’ohra ttraffika fil-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew biccha minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

4. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

5. U aktar talli kkommetta l-imsemmija reati jew jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh, skont l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess (ara interrogatorju a folio 4).

Rat ukoll l-Ordni mibghuta mill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u s-sussegwenti Kontro Ordni ai termini tal-Artikolu 31 tal-istess Kapitolu.

Rat illi l-imputat, tramite l-Avukat Difensur tieghu, ippatteggja l-piena, flimkien mal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u talbu lil din il-Qorti, permezz tal-appozitu rikors, illi tiehu in konsiderazzjoni dik it-talba, salv li tigi registrata ammissjoni da parti tal-akkuzat, skont il-Ligi.

Rat ghalhekk il-Qorti, l-Artikolu 392A(1)(2) li jghid:

“*392A. (1) Jekk l-akkużat, bi tweġiba għall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b) u fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, jistqarr li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat u l-imsemmi reat ikun suġġett għal piena ta’ mhux aktar minn għaxar snin priġunerija, il-qorti twissih b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-tweġiba, u tagħtih ftit taż-żmien biex jerġa’ lura minnha.*

*(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) u minkejja kull disposizzjoni oħra ta’ dan il-Kodiċi jew ta’ kull liġi oħra, jekk l-akkużat jibqa’ jtenni fit-tweġiba tiegħu li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat, din it-tweġiba għandha tiġi rreġistrata, u il-Qorti bħala qorti ta’ ġudikatura kriminali*

*għandha tgħaddi ’l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra akkużat li jinsab ħati tar-reat u tordna li l-atti, flimkien ma’ kopja tas-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.*”

Rat illi hija spjegat lill-imputat Glenn Abela l-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu kif registrata, u l-konsegwenzi legali tat-twegiba tieghu.

Rat ukoll is-sub inciz (3)(4)(5)(6) ta’ dan l-Artikolu li jaqraw:

“*(3) Iżda, meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew ’l quddiem, Bħal li kieku l-akkużat ma weġibx li hu ħati.*

*(4) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 370(2) u tal-artikolu 371 għandhom mutatis mutandis japplikaw għal proċeduri taħt dan l-artikolu dwar reat li għalih japplika s-subartikolu (1) ta’ dan lartikolu.*

*(5) Fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, l-imputat u l-Avukat Ġenerali jistgħu jilħqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta’ rikors, sabiex fil-każ li l-imputat jiddikjara ruħu ħati, il-Qorti tal- Maġistrati bħala qorti ta’ ġudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-liġi, kombinazzjoni ta’ sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwantità miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun*

*jista' jingħata sentenza meta jinsab ħati għar-reat jew ir-reati li jiġi akkużat bihom.*

*(6) Jekk il-qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew il-miżura, jew il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri, mitluba kif provdut fis-sub artikolu preċedenti jkunu tali li kien ikun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' ħtija għar-reat li dwaru l-imputat ikun ammetta l-ħtija, u ma jkollhiex għaliex tordna li jitkompla l-każ skont dak imsemmi fis-subartikolu (3) jew għal xi raġuni oħra li tiċħad it-talba, u wara li tispjega lill-imputat bi kliem ċar x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tiegħu, il-qorti għandha, meta ssir l-ammissjoni ta' ħtija tal-imputat, tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-deċiżjoni tagħha li ssentenza li tkun qegħda tingħata tkun qegħda hekk tiġi mogħtija fuq talba tal-partijiet.*"

Ezaminat fl-ewwel lok l-atti biex tara jekk taccettax l-ammissjoni registrata; u konsegwentement biex tezamina jekk hemmx raguni biex ma taccettax is-sanzjoni mitluba fir-rikors - jekk allura tali sanzjoni suggerita kienet tkun wahda legittima mas-sejbien ta' htija (Art 392A(6) )

Rat allura l-Qorti, biex tasal ghal tali konkluzjoni, l-atti kollha tal-process, b'mod partikolari x-xhieda migjuba u d-dokumenti Lilha ezebiti. Senjalament il-Qorti ser taghmel referenza ghas-segwenti hawn elenkati.

Fl-ewwel lok, il-Qorti semghet lil **Darren Camilleri** li tieghu anke giet ezebita xhieda guramentata, folio 11 Dok JF1, li xehed vica voce quddiem din il-Qorti.

In succint, dan xehed illi Glenn tah bott, dejjem iltaqghu ghax kienu miftehmin, u l-bott kien fih il-haxixa. Fil-bidu qal illi ma kinx jaf ghala Glenn tah il-bott mimli bil-haxixa. Wara ammetta li dan cempillu ghax hu ried jixtri xi haga. Ikkonferma l-istqarrija guramentata fejn ammetta li hu kien fil-fatt - meta nqabdu mill-pulizija, qed jixtri haxixa ghall-ewwel darba minghand l-imputat.

Rat ukoll ix-xhieda tal-pulizija li kienu novluti f'din l-operazzjoni.

**PC 279 Kevin Gauci** xehed illi mir-residenza ta' Glenn Abela, hawn flimkien ma' PC 365, instabu kaxxa bajda bil-marka D&G, li kien fiha xi pakketti bil-weraq suspettati haxixa. Qal illi meta gie mistoqsi minn PC 365 jekk kellux xi affarijiet ohra, Glenn innifsu wiegeb billi ndikalhom il-kamra tas-sodda u minn gol-gwardarobba hargu l-pulizija borza mdaqqsa bil-weraq tal-haxixa, u zewg kaxxi - wahda tal-metall u wahda sewda. F'wahda kien hemm hames pakketti tal-plastic trasparenti bi trab abjad u pakketti bi trab kannella. Fil-kaxxa l-ohra kien hemm zewg kapsoli, wahda b'bicca nieqsa u wahda bi trab abjad, u ohra bi trab kannella u zewg boroz bi trab kannella.

Instab ukoll diary ahmar u mizien digitali.

**PC 599 Clive Mangion** indika li mill-garaxx tal-imputat waqt tfittxija, PC 365 eleva kaxxa bajda b'sustanza suspettata haxixa. Instabu wkoll skondtu, zewg kaxxi ohra kbar li meta nfethu kien fihom pakketti tas-sigaretti suspetattati li kienu bla dazju.

Dan gie kkonfermat fit-total minn **PC 365 Malcolm Grixti**.

Rat ir-relazzjonijiet tas-SOCO, Dok DA folio 126.

Rat dwar is-sustanza misjuba u elevata, ir-relazzjonijiet tal-**Ispizjar Mario Mifsud** li analizza l-istess u kkonkluda hekk:

"Li fis-speci ta' roach li kien hemm fid-dokument 393/10/02 instabet fih is-sustanza THC;

Illi l-blokka ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 239/10/01, f'ammont nett totali ta' 1.76 grammi, instabet li kienet raza tal-pjanta tal-cannabis. Fil-blokka ta' lewn kannella nstabet fiha s-sustanza THC, waqt li l-purita' tal-blokka ghas-sustanza THC kienet ta' circa 7.2%;

Illi l-bicciet ta' pjanti mghaffga, li kien hemm fid-dokument 239/10/03 f'ammont nett totali ta' 46.88 grammi, instabu li kienu bicciet ta' pjanti tal-Cannabis. F'dawn il-bicciet ta' pjanti mghaffga nstabet fihom is-sustanza THC waqt li l-purita' tal-pjanti mghaffga ghas-sustanza THC kienet ta' circa

11.6%. Il-pjanta tal-cannabis hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, waqt li s-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-prezz totali bl-immnut tal-blokka tar-raza u l-pjanti mghaffga tal-Cananbis kien ta' circa €621 u dan skont il-Malta 2007 National Report to the EMCDDA."

(folio 52).

"

a. *Illi ma nstabux sustanzi llegali fuq il-mizien elettroniku li kien hemm fid-dokument 071/11/02;*

b. *Illi kien hemm mechanical fit bejn il-qratas tal-karti li kien hemm fid-dokument 071/11/06 u 071/11/07 rispettivament u l-faccati mqatta' tad-djarju li kien hemm fid-dokument 071/11/03;*

c. *Illi l-bicciet tal-pjanti mghaffga li kien hemm fid-dokumenti 071/11/01, 071/11/04, 071/11/07 rispettivament, f'ammont nett totali ta' 124.49 grammi, instabu li kienu bicciet mill-pjanta tal-Cannabis. F'dawn il-bicciet tal-pjanti nstabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tinsab fil-pjanta tal-cannabis. Il-purita' medja ta' dawn il-bicciet tal-pjanti ghas-sustanza Tetrahydrocannabinol kienet ta' circa 9.3%. Il-pjanta tal-cannabis hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, waqt li s-sustanza Tetrahydrocannabinol hija*

*kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

d. *Li s-sustanza ta' lewn abjad li kien hemm fid-dokument 071/11/05 u t-trab ta' lewn abjad li kien hemm fid-dokument 071/11/06, f'ammont nett totali ta' 9.48 grammi, instabet fihom is-sustanza Kokaina. Il-purita' medja ta' dawn ghas-sustanza Kokaina kienet ta' circa 47.2%;*

e. *Illi s-sustanza ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 071/11/05 u t-trab ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 071/11/06, f'ammont nett totali ta' 16.28 grammi, instabet fihom is-sustanza heroina. Il-purita' medja ta' dawn ghas-sustanza Herojina kienet ta' cica 44.2%. Is-sustanzi tal-Kokaina u l-Herojina huma kkontrollati bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

f. *Illi l-prezz totali bl-immnut tas-sustanzi llegali misjuba kien ta' circa €3088 u dan skont 2007 Malta National Report to the EMCDDA.*"

(folio 173 – 174)

Rat ukoll ir-relazzjoni ta' Dr Martin Bajada, koncernanti l-ezami tal-kontenut tac-cellulari tal-imputat Dok MB.

Rat ukoll il-konkluzjoni tal-Perit Valerio Schembri fir-rigward tal-aggravju hekk imsejjah tal-mitt metru, Dok VS. Dan ikkonkluda hekk:

"*Mill-fatti kollha li gew a konjizzjoni u mill-konstatazzjonijiet li l-Perit Tekniku ghamel fuq il-post in kwistjoni, jidher illi r-recint kollu tal-iskola FX Attard Marsa, u parti mir-recint tal-Iskola Primarja, Marsa, jaqghu fid-distanza ta' mitt metru mill-postijiet indikati lill-esponent minn PC 760 Christopher Saliba.*"

Rat ukoll l-istqarrija tal-imputat, ezebita mill-Ispettur Fenech bhala Dok JJF a folio 138. Din giet rilaxxata fl-10 ta' Awwissu, 2010, u skont ma xehed l-istess Spettur Johann Fenech li ezebixxa l-istess, wara li Glenn Abela ghazel illi jikkonsulta l-avukat tal-ghazla tieghu.

Rat ukoll li maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, illi l-Avukat Generali baghat il-Kontro Ordni taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi mill-ezami tal-provi prodotti, din il-Qorti ssib illi l-imputat Glenn Abela huwa hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u ghalhekk m'ghandha ebda diffikulta' biex taccetta l-ammissjoni minnu registrata (dan in vista' ta' dak prevvist fl-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; Taqsima 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN 292/193; L.S. 101.2 Regolament 9; l-Artikoli 22(2b) u 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll is-Social Inquiry Report u l-fedina penali tal-imputat.

Senjalament dwar il-piena, li ghandha tigi kkalibrata, ikkunsidrat ukoll illi gie dikjarat fir-rikors in ezami, illi l-imputat kellu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi tenut dak kollu premess, din il-Qorti qieghda tqis it-talba Lilha mressqa bhala wahda legittima, u b'hekk taghmilha Taghha, dan anke wara li rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Konsegwentement, qieghda tikkundanna lil Glenn Abela ghal piena ta' prigunerija effettiva ta' sentejn (2) u ghal multa ta' elfejn Ewro (€2,000).

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundanna lil Glenn Abela ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal tliet elef disa' mija u tnejn u tletin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€3,932.38).

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga KB 401/2010 u KB 114/2011, KB 171.2011

Tordna l-konfiska tal-ezebiti KA 57.2011.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------